# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 3 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 1.**
**Citazz. Nru. 1505/00 JRM**

**CUTAJAR LIMITED**

**vs**

**Anthony Caruana u Antoine Seychell.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici kienet tbiegh u tikkonsenja lill-konvenuti b'mod solidali u indiviz bejniethom gewwa l-hanut Electro Centre merkanzija konsistenti f'apparat tal-Hifi;

Illi ghall-imsemmija merkanzija il-konvenuti fadallhom jhallsu lis-socjeta' attrici bilanc ta' Lm1375.07 (elf tlett mija u hamsa u sebghin lira maltin u seba' centezmi) kif jidher mill-istatement anness u mmarkat Dok A;

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont ghal diversi drabi izda huma baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex b'mod solidali u indiviz bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1375.07 (elf tlett mija u hamsa u sebghin lira maltin u seba' centezmi) rapprezentanti bilanc minn prezz ta' apparat tal-Hifi lilhom mibjugha u kkonsenjati;

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Mejju 2000, tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000, tal- Mandat ta' Qbid numru 2566/00DC prezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti, ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat u semghet il-qari ta' Nota (a fol 9 tal-Process) tas-socjeta' attrici li biha cediet it-talbiet taghha fil-mertu, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Billi mill-atti tal-kawza, u l-provi dokumentali mressqa, jidher li l-konvenuti hallsu s-somma minnhom dovuta wara li nbdiet din il-kawza, it-talba tas-socjeta' attrici li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-ispejjez hija misthoqqa;

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:**

Fil-waqt li tastjeni milli tiddeciedi dwar it-talba attrici, **tikkundanna lill-konvenuti** jhallsu l-ispejjez tal-kawza kif mitlub.

## Moqrija

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.
**3 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Novembru, 2000.**